MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 561/1997/1

Grazio u Josette konjugi Farrugia
vs
Public Broadcasting Services Limited u l-Korporazzjoni Telemalta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti ressqu l-kaz tar-rikorrent Grazio Farrugia kontra l-intimati quddiem dan it-Tribunal minhabba ingustizzja gravi li hu bata bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 minhabba ingustizzja gravi li hu bata minhabba l-agir illegali u diskriminazzjoni anki politika tal-intimati.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu:-

Illi huwa kien dahal bhala apprendist mal-intimata l-Korporazzjoni Telemalta meta anqas kellu 17-il sena. Huwa kien dahal bhala 'student worker'. Wara li spicca l-

apprentistat tieghu huwa gie impjegat mal-Korporazzjoni. Meta eventwalment twaqqfet l-intimata l-ohra l-Public Broadcasting Services Limited huwa kien gie assimilat maghha kif ghadu sal-lum.

Illi sa minn meta kien ghadu mal-Korporazzjoni huwa beda jbati minn diskriminazzjoni politika u ingustizzja gravi kontra tieghu. Dana sar kull meta applika biex jilhaq il-grad ta' Telecom Technician 3. F' kull okkazjoni huwa gie maqbuz minn nies b'anqas esperjenza u anqas kwalifiki. Dana sehh fl-1989 meta kien hemm sejha ghall-applikazzjoni interna u minkejja li huwa kien applika, ma hax il-promozzjoni li kien haqqu.

Illi malli sehh il-kuntratt bejn il-korporazzjoni u l-PBS li hadet f' idejha l-amministrazzjoni ta' Xandir Malta fejn kien impjegat ir-rikorrent, u l-haddiema allura gew assimilati ma' dina l-kumpanija, huwa bata l-ewwel diskriminazzjoni meta ma giex assimilat fi skala ta' impjieg ekwivalenti ghal dik li kellu mal-Korporazzjoni u mal-assimilazzjoni li gawdew shabu fl-istess skala, fl-esercizzju. Di fatti kif jirrizulta mil-Ftehim Kollettiv tal-1993-1996 bejn il-GWU u l-PBS, gie introdott it-terminu "Video Effects Operator" u mpoggi fl-iskala "F". Ir-rikorrent Grazio Farrugia gie mpoggi fi skala "F".

Illi r-rikorrent meta kien ghadu mal-Korporazzjoni kellu l-kwalifika ta' TT2, Telecom Technician 2, li huwa ekwivalenti ghal dawk il-gradi u tip ta' xoghol li jinsabu fi skala "D", kif deskritt fil-"Collective Agreement" imsemmi bhal "light directors" u "senior tradesman". Minkejja dan huwa mhux talli ma tpoggiex fl-iskala "D" imma talli minnflok tpogga fl-iskala "F' aktar inferjuri. Ta min jghid ukoll li shabu li kienu jaghmlu l-istess xoghol mieghu mal-Korporazzjoni tpoggew mal-assimilazzjoni fl-iskala "E".

Illi dan l-agir tal-intimati kien peress li huwa iben persuna attiva fil-kamp politiku oppost tal-Gvern tal-mument, bejn l-1987 u 1996 u mieghu giet ezercitata diskriminazzjoni politika. Dan irrizulta car minn dak li inghad fuq u mill-provi li kien ser iressaq ir-rikorrent.

Illi dan l-agir tal-intimati ssarraf f'danni ghar-rikorrent peress li huwa tilef promozzjonijiet li kien jimmerita minhabba kapacita` u responsabilita` li dejjem garr bl-akbar ghaqal, kif ukoll f' telf finanzjarju peress li baqa' dejjem b' paga inferjuri, u telf ta' 'overtime' ghax-xoghol li kien jaghmel u ghall-grad li kien jimmerita. Dana oltre l-fatt li fi skala "F" fejn ghadu sal-lum, u huwa denominat 'video effects operator', ma kienx hemmx lok ta' promozzjoni ulterjuri, anzi biex jkollu cans ta' promozzjoni ulterjuri anzi biex jkollu cans ta' promozzjoni jrid jibdel ix-xoghol. Illum huwa kien qed jaghmel xoghol ta' 'video editor' li jinsab klassifikat fi skala "E" u r-rikorrent ghadu fi skala "F". Mentri biex jaghmlu x-xoghol li kien qed jaghmel ir-rikorrent illum hemm zewg impjegati ohra li huma kklasifikati fi skala "D".

Illi ghalhekk huma, biex isostnu l-ilment taghhom, kien bi hsiebhom igibu l-provi kollha mehtiega u x-xhieda elenkati, sabiex dana t-Tribunal jkun jista' jiddeciedi fuq it-talbiet u l-kaz taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu li dan it-Tribunal tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u jikkundanna lill-intimati, jew min minnhom; 1. Li jirrendu lir-rikorrent dik is-seniority li huwa tilef; 2. Kif ukoll illi jaghtu lir-rikorrent dik il-promozzjoni li huwa haqqu; u/jew 3 li jigu ordnati li jaghtuh kumpens xieraq ta' mhux anqas minn hamest elef liri maltin (Lm5000) tat-telf li huwa sofra. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' Public Broadcasting Services Limited li eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta` intimata Public Broadcasting Services Ltd.

2. Illi r-rikorrent ibbaza t-talba tieghu fuq dak li seta’ gara f’Mejju, 1987, f’ liema sena qed jghid li sofra ingustizzja. F’dak iz-zmien is-socjeta` Public Broadcasting Services Ltd. lanqas biss ma kienet tezisti, u kwalunkwe decizjoni dwar promozzjonijiet kienu jittiehdu mil-Korporazzjoni Telemalta, u ghalhekk hu impossibbli li s-socjeta` intimata kienet hatja ta’ xi diskriminazzjoni kif allegat, u ghaldaqstant is-socjeta` intimata Public Broadcasting Services Ltd ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi jekk kien hemm xi sejha ghall-applikazzjonijiet saret unikament mill-Korporazzjoni Telemalta, u certament mhux mill-Public Broadcasting Services Limited.

4. Ir-rikorrent li kien fil-grad ta’ TTII fl-1986, kien jaghmel xoghol ta’ Character Generator. Dak iz-zmien tali xoghol kien relattivament gdid ghat-Telemalta, li ma kellhiex grad ta’ Character Generator Operator, u ghalhekk kien jopera dan l-apparat bi grad ta’ TTII.

5. Meta giet furmata l-PBS fl-1993, ir-rikorrent kellu l-grad ta’ TTII, u wara l-ftehim kollettiv gie assimilat bin-nomenkaltura ta’ Video Effects Operator fl-iskala “F” li fiha gew assimilati dawk li kienu TTII jew ekwivalenti ghall-TTII.

6. In-nies li rrefera ghalihom ir-rikorrent ma kienux fi grad ta’ TTII izda ta’ CCU, Audioman, jew Camera Operator, li kienu jinsabu fi skala oghla minn dik ta’ TTII, kif ukoll jinsabu llum, cioe` fi skala ta’ grad “E”, kif jidher mid-Dok A esebit.

7. Dwar il-grad ta’ Light Director li jidher fil-ftehim kollettiv, hadd mill-haddiema ghadu ma tpogga f’dan il-grad.

8. Il-haddiema tat-Telemalta li kellhom il-grad ta’ TTIII u li kienu jaghmlu xoghol ta’ xi sengha partikolari kienu gew assimilati fl-iskala ta’ Senior Tradesman. Ohrajn minn Tradesman (Skala F) saru Senior Tradesman (Skala D) wara li l-PBS harget sejha ghal-applikazzjoni u wara li saru intervisti.

9. Ghaldaqstant ir-rikorrent ma sofra ebda ingustizzja minn naha tas-socjeta` Public Broadcasting Services Limited, meta dan gie assimilat fi Skala F ghax dawk kollha li kellhom il-grad ta’ TTII jew ekwivalenti gew assimilati f’din l-iskala.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b’rizultat ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Telecom Technician III kienet harget fit-23 ta’ Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero` ma kkwalifikax u ghalhekk ma setax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi minn massimu ta’ 100 marka ir-rikorrent gab 20 marka. Dawn kienu mqassmin hekk 3 minn 30 marka ghas-snin ta’ servizz, 2 minn 20 marka ta’ l-esperjenza, 5 minn 15-il marka tal-kwalifiki, 2 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika, 5 minn 10 marki ghal taghrif generali u 3 minn 5 marki ghal personalita`. Jidher car li r-rikorrent baqa’ lura sew fil-marki fuq il-kriterji oggettivi.

4. Illi dwar l-allegazzjoni li gew promossi nies b’inqas kwalifiki mir-rikorrent, il-Korporazzjoni irrizervat li twiegeb u tressaq ix-xhieda meta tigi kjarifikata din l-allegazzjoni. Pero` ghandu jigi rilevat illi l-kwalifiki kienu biss wiehed minn sitt kriterji ta’ l-ghazla u kienu jgorru maghhom 15-il marka minn 100. Ir-rikorrent gab biss 5 marki minn 15 ghall-kwalifiki li kellu.

5. Illi dwar l-assimilazzjoni tieghu u l-grad li jokkupa ma’ l-intimata Public Broadcasting Services Ltd il-korporazzjoni intimata ma ghandha x’taqsam xejn.

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost ir-rimedju mitlub mir-rikorrent mhux applikabbli fil-konfront tal-Korporazzjoni Telemalta billi ma tistax taghtih seniority jew promozzjoni fil-post fejn jinsab illum. Anke t-tielet talba ghandha tigi michuda fil-konfront tal-korporazzjoni intimata.

7. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u qal li fiz-zmien li xehed kien impjegat mal-P.B.S. u hass li saret ingustizzja mieghu meta ma ntghazilx ghall-promozzjoni wara li fit-23 ta’ Gunju 1989 kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-promozzjonijiet. Qal li certu Peppi Degiovanni kien ha l-promozzjoni izda mhux talli ma kellux esperjenza talli ghadu jbajjad u jaghmel xoghol ta’ Labourer sal-lum. Semma lil Godwin Borg, Charles Aquilina u Edmond Friggieri li kienu dahlu mieghu u hadu l-promozzjoni ghal TTIII u ghal TOI. Dwar il-kwalifiki qal li meta kien ghadu ma’ Xandir Malta jigifieri mat-Telemalta kien imur ghall-kors ta’ radio & tv tas-City and Guilds izda qal li l-kumpanija ddecidiet li twaqqaflu dan il-kors u bdietlu kors ta’ Telecom Technician. Dwar domanda teknika li kienet saritlu waqt l-intervista qal li din id-domanda ma kellha x’taqsam xejn max-xoghol tieghu u kienet saritlu biss sabiex hu ma jkunx jaghraf iwiegeb. Spjega wkoll x’ kien sar dwar l-assimilazzjoni tal-haddiema tal-P.B.S. meta t-TTIII gie assimilat fi skala C, TTII gie assimilat fi skala F

fejn kien hemm distakk ta’ tliet skali. Ilmenta li din kienet ingustizzja ohra li saret mieghu. Fil-fatt qal li m’ ilux il-P.B.S. wara li ra d-distakk kbir kien tellghu fi skala D. Qal ukoll li ma setax jifhem kif dan ix-xoghol li kien jaghmel ta’ graphics fuq il-kompjuter gie assimilat fi skala F meta iktar tard gie mnehhi minn dan ix-xoghol u l-persuni li tqeghdu minfloku gew impoggija bi grad ta’ skala D.

In kontro ezami qal li meta applika ghall-grad ta’ TTIII kien fil-grad ta’ TTII. Qal li Joe DeGiovanni dak iz-zmien kien TTII u fir-rigward ta’ Godwin Borg, Charles Aquilina u Edmond Friggieri dawn kienu qabzuh grad peress li lahqu TTIII mill-ewwel mill-grad ta’ TTI. Ikkonferma wkoll li f’Gunju 1989 dawn it-tlieta kienu saru TOI mentri hu kien baqa’ fil-grad ta’ TTII.

Xehed <u>Joseph Galea</u> ex-Manager tal-PBS li qal li hu kien spicca bhala Managerp Production minn mat-Telemalta u jaf lir-rikorrent bhala impjegat fis-sezzjoni tieghu. Qal li r-rikorrent kien subaltern tieghu anke fi zmien Xandir Malta meta kienu mat-Telemalta. Qal li r-rikorrent kien sar TTI, iktar tard TTII, wara video editor u meta xehed kien jinsab fil-grad ta’ Studio Operator. Spjega li meta r-rikorrent kien fil-grad ta’ TTII kien jaghmel xoghol ta’ character generator li jikkonsisti f’xoghol ta’ graphics. Iddeskriva lir-rikorrent bhala impjegat habrieki u kien wiehed mill-ahjar haddiema li kellu. Mistoqsi dwar DeGiovanni qal li dan hu TTIII u kien jaf jaghmel xoghol ta’ handyman. Dwar Joseph Bonnici qal li jiftakar li dan kien jaghmel l-istess xoghol tar-rikorrent. Qal li r-rikorrent dahal trainee ma’ Xandir Malta u sar impjegat ma’ Xandir Malta fl-1983. Fl-ahhar nett qal li c-cekk tal-paga kien johrog mit-Telemalta izda bis-section Xandir Malta fuq ic-cekk.

Xehed <u>Joseph Mallia</u> rapprezentant tal-Maltacom li esebixxa r-rapport tal-bord tal-ghazla ghall-grad ta’ TTIII.

Xehed <u>Lawrence Mamo</u> video editor mal-PBS li ilu mal-PBS mill-1984 li qal meta hu kien ha l-grad ta’ Camera Control Unit, hu ha l-promozzjoni u r-rikorrent kien applika u ha l-grad ta’ TTII u qal li r-rikorrent meta spiccat Xandir Malta kien fil-grad ta’ CCU. Qal li r-rikorrent iktar tard gie

appuntat video effects operator li jaqa' taht skala F. Fir-rigward ta' Joseph DeGiovanni qal li hu kien applika ghall-grad ta' TTIII u kien gie promoss ghal dan il-grad. Qal li xoghol DeGiovanni ma kienx tekniku izda kien jaghmel xoghol ta' Handyman. Dwar is-Sur Bonnici qal li dan kien TTIII u kien jaghmel l-istess xoghol tar-rikorrent jigifieri ta' character generator.

Xehed <u>Charles Debono</u> Studio Operator mal-P.B.S. li jinsab fl-istess grad bhar-rikorrent. Qal li jiftakar li mal-qalba minn Xandir Malta ghall-P.B.S. u r-rikorrent gie fi skala F. Fir-rigward ta' Joe S. Bonnici qal li kien fil-grad ta' TTII izda dan telaq u m'ghadux mal-P.B.S. Fir-rigward ta' Edwin Debono dan kien fil-grad ta' TTIII u fir-rigward ta' Joseph DeGiovanni dan kien fil-grad ta' TTIII.

Xehed <u>Raymond Libreri</u> bhala rapprezentant tal-G.W.U. shop steward ghall-P.B.S. Qal li r-rikorrent kien f'wiehed minn dawk il-gradi TTI, TTII jew TTIII dawn kienu l-gradi mat-Telemalta. Ir-rikorrent x'aktarx kien TTII. Qal li kien hemm min jinghata grad ta' TTII u xorta jibqa' jaghmel xoghol ta' tibjid per ezempju. Qal li mal-qalba mal-P.B.S. gew mahluqa gradi ekwivalenti ghal dik ta' Studio Operator. Qal li r-rikorrent hu Studio Operator li jigi taht skala B. Dwar DeGiovanni qal li meta xehed kien spicca minn mal-P.B.S. izda spicca taht skala D u x-xoghol tieghu kien li jkahhal, ibajjad ecc.

Xehed <u>Tony Abela</u> bhala rapprezentant tal-P.B.S. li qal meta giet imwaqqfa l-P.B.S. ir-rikorrent kien beda taht it-Training Auxiliary Scheme u kien instab bhala video effects operator izda kien fil-grad ta' TTII. Qal li r-rikorrent qatt ma ha promozzjoni. Fir-rigward ta' Beppe DeGiovanni qal li applika u ha l-promozzjoni fl-1989 u kien jaghmel xoghol ta' Labourer. Qal li dan ma kienx tekniku anzi kien illitterat. Qal li s-Sur Aquilina kien ha l-promozzjoni fl-1989 wara li applika. Semma li r-rikorrent ukoll kien ghamel dan l-appell izda ma hadhiex u r-rikorrent ghad ghandu grad ta' Studio Operator u din hadha f'Gunju 1996. Qal li l-grad ta' TTI u TTII gew assimilati fi skala F u TTIII gie fi skala D. Qal li fil-fatt illum

ir-rikorrent jaghmel xoghol ta' editing u fil-fatt jaghmel xoghlu tajjeb.

Semma wkoll li Joe Mifsud u Bonnici fl-1992 kien TTIII u dawn gew assimilati fi skala C u bhala TTIII it-tnejn kienu jaghmlu xoghol ta' video editing. Spjega li ftit qabel ma giet stabbilita l-P.B.S. kien hemm bord ta' l-appelli li jittratta l-promozzjonijiet li saru fl-1989 bhala Grievances Board. Zied ighid li mhux ir-rikorrent biss minn TTII gie assimilat fi skala F. Wara li gie mistoqsi dwar Charles Debono qal li dan ma kienx impjegat mal-P.B.S. izda kien impjegat mal-Parlament u kien sekondat ma' Xandir Malta. Esebixxa dokument a fol 122 tal-process li hi t-talba mill-E.T.C. biex is-Sur Debono jidhol fl-impieg ta' video editor. Esebixxa dokument a fol 123 li hi r-risposta mill-E.T.C. Esebixxa l-ittra tal-P.B.S. ghar-risposta ta' l-E.T.C. a fol 124 u a fol 125 esebixxa dokument sabiex is-Sur Debono jigi impjegat mal-P.B.S. u fl-ahharnett esebixxa r-rizenja tas-Sur Debono a fol 126. Zied ighid li meta giet imwaqqfa l-P.B.S. il-haddiema kellhom ghazla jew imorru mat-Telemalta jew imorru mal-P.B.S. Qal li jaf li r-rikorrent gie assimilat fi skala F u l-haddiema kienu jafu x'kien ser isir. Kien hemm terminu li jekk ma jirrispondux kienu ser imorru mal-P.B.S. Fl-ahharnett hu esebixxa a fol 130 dokumenti relatati mal-qalba ta' Xandir Malta ghall-P.B.S.

Xehed <u>Albert Balzan</u> li qal qabel ma rtira l-ahhar kariga li kellu kienet ta' Manager General Communications tat-Telemalta. Ikkonferma li hu kien wiehed mill-membri tal-Bord ghall-grad ta' TTIII. Ikkonferma li l-membri l-ohra kienu Godwin Ellul u Charles Zammit. Ikkonferma wkoll li a fol 47 tal-process hemm imnizzel kif kellhom jinghataw il-marki. Qal li l-Manager dak iz-zmien kien Anthony Debono u l-ordnijiet kien jehodhom minn ghandu. Qal li l-massimu tal-marki ghas-snin ta' servizz kien 30 jekk il-kandidat kellu 40 sena servizz. Fir-rigward tal-esperjenza qal li huma taw il-marki skond it-twegibiet tal-applikanti waqt l-intervista u ma kellhomx il-files personali taghhom waqt l-intervista. Ikkonferma l-marki a fol 73 fejn ir-rikorrent inghata 2 marki minn 20 ghall-esperjenza li din riedet tkun relatata ghall-post ta' TTIII. Qal li ma jiftakarx

u ma jistax jispjega kif DeGiovanni ottjena 14-il marka ghall-esperjenza. Qal li hu kien l-iktar kwalifikat mill-membri tal-bord. Qal li hu kellu l-kwalifika ta’ AMISEE Supervisor Electrical Engineer izda mhux Warranted Engineer. Semma li l-mistoqsija teknika li kienet mas-sengha. Spjega li l-kriterji kif tqassmu l-punti ghall-kwalifiki hargu bihom il-membri tal-bord. Qal li hu kellu taht idejh id-domanda teknika kif ukoll il-kwalifiki u l-membri l-ohra tal-bord hadu hsieb il-kriterji l-ohra. Qal li fir-rigward tal-grad ta’ TTIII dan ma kienx necessarjament xoghol tekniku. Fil-fatt qal li kien hemm anki ‘carpenters’. Fir-rigward ta’ kwalifiki kkonferma li dawn kienu bbazati fuq certifikati li l-kandidati hadu maghhom dak il-hin waqt l-intervista. Qal li kull min kien jahdem fit-telekomunikazzjoni seta’ japplika u dan anki jekk it-trade tieghu kienet ta’ bajjad, carpenter, labourer ecc.

Xehed Pawlu Farrugia missier ir-rikorrent li qal li fil-perjodu tal-1987 hu kien involut fil-politika billi kien canvaser ta’ Wistin Abela. Qal li ma kienx ufficjal ta’ partit politiku izda kien membru biss tal-kazin ta’ M’Scala.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kellu zewg ilmenti u cioe` wiehed li ma hax il-promozzjoni ghal TTIII u l-iehor li meta spicca mal-PBS gie assimilat skond ma jallega hu fl-iskala l-hazina. Dawn iridu jigu kunsidrati separatament.

A) Dwar in-nuqqas ta’ promozzjoni ghal TTIII fl-1989 it-Tribunal dejjem mexa bil-principju stabbilit fil-kawza deciza minnu stess fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman in rapprezentanza tat-Telemalta Corporation u b’ digriet tad-9 ta’ Frar 2000 Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess deciza fis-6 ta’ Novembru 2001. Il-fatt li jidher li fil-kaz ta’ Degiovanni possibbilment setghet saret ingustizzja meta dan ha l-promozzjoni ma jistax iwassal ghall-fatt li kullhadd jiehu l-kariga ghax altrimenti t-Tribunal ikollu jaghti promozzjoni lil mijiet ta’ nies u per ezempju fil-kaz tar-rikorrent irid jaghtiha lil kull min gie klassifikat qabel l-istess rikorrent. Mill-provi li ssemmew quddiem it-Tribunal jidher stramb hafna kif Degiovanni ha l-promozzjoni.

Fil-kawza fuq citata ta' Joseph Mallia jinghad li:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**
Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe`:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **<u>15</u>**% |
| Kwalifiki | **<u>25</u>**% |
| Mistoqsija Teknika | **<u>15</u>**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

**Analisi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**<u>snin ta' servizz</u>** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **<u>experience</u>** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja."

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 3 ghal TTIII it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; ghalhekk il-marka tibqa' 3;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 2 ghal TTIII; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdid tat-Tribunal il-marka tibqa' 2;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 5 ghal TTIII; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 8;

Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 2 ghal TTIII; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal l-marka tibqa' 2;

Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 5 ghal TTIII; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marki ta' 5;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 3 ghal TTIII; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 3.

Dan igib it-Totali ghal TTIII ghal 23.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati dwar il-promozzjoni ghal TTIII.

B) Hemm it-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe` l-assimilazzjoni tas-salary scale meta r-rikorrent spicca mal-PBS. Jinghad li dan ma sarx biss xi haga limitata fil-kaz tar-rikorrent izda kien jirreferi ghall-haddiema kollha li kienu mat-Telemalta u ghalhekk difficli li wiehed jasal ghall-konkluzjoni li saret xi ingustizzja specifika lir-rikorrent. Jinghad ukoll li kif jirrizulta minn cirkolari mibghuta fit-3 ta' Frar 1995 li kopja taghha tinsab a fol 130 u 131 tal-process, il-haddiema kollha kienu gew avzati li kienu qed jigu finalizzati proceduri mal-Employment and Training Corporation biex mit-13 ta' Frar 1995 isir trasferiment ta' dawk il-haddiema (ex-Xandir Malta) minn mal-Korporazzjoni Telemalta ghal mal-P.B.S. Limited u li dan kien ser ikun ifisser li ser jigi terminat l-impjieg minn mal-Korporazzjoni Telemalta u jsir ingagg mal-P.B.S. Fl-istess cirkolari mahruga mis-Sur Roland Flamini Managing Director inghad li "Jekk, mhux aktar tard mid-9 ta' Frar 1995, id-Deputy Manager Personnel ma jigix infurmat bil-kitba ghall-kuntrarju, ikun mifhum li l-haddiem koncernat approva dawn il-proceduri."

Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx li giet pruvata l-ingustizzja allegata mir-rikorrent. Jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------